# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 9

It-Tnejn 17 ta' Frar, 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**17 ta' Frar 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**9.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-08.

**9.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 8 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**9.3.01** Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv kif rakkomandat mill-KunsillLokali għas-sena 2019.

**9.3.02** Notifika mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/06237/19.

**9.3.03** Emajl mingħand il-Local Government Division (Accounts Unit) dwar depożitu ta' fondi fl-ammont ta' 1,013 bħala aġġustament.

**9.3.04** Il-Kunsill ġie nformat mid-Direttur tal-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) li l-ammont ta' allokazzjoni li ingħata għat-tipping fees għal din is-sena kurrenti 2020 għandu jintefqu fuq spejjeż ta' *tipping fees* għal din is-sena. Il-Kunsill għandu iħallas biss l-ammont li jkun ingħata lilhom fl-allokazzjoni u xejn aktar. L-ammont tal-Għasri huwa €6,143.

**9.3.05** Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mingħand it-Transport Malta għar-rilokazzjoni tar-reserved parking tal-Blue Badge holders kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa. Din saret kif ġiet l-approvazzjoni.

**9.3.06** Il-Kunsill irċieva approvazzjoni għat-talba biex jsiru sinjali tas-speed limits fi Triq Wied l-Għasri.

**9.3.07** Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar provediment ta' Servizzi Soċjali u tal-Familja fil-Lokalita'. Il-Kunsill tal-Għasri fil-preżent m'għandux spazju li jista' joffri għal dan il-għan. Jekk u meta titranġa l-Għassa tal-Pulizija dan jista jiġi kkunsidrat.

**9.3.08** Ċirkulari Numru SPI 1/2020 Korsijiet Lifelong Learning 2020/2021.

**9.3.09** Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) dwar Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali l-Għasri.

**9.3.10** Il-Kunsill irċieva ftehim dwar self ta' palk għall-attivitajiet tal-festa tal-Għasri u l-attivita ta' Settembru biex jiġu ffirmati.

**9.3.11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza relatata mal-PQ nru 12256 dwar kiri tal-Fanal tal-Ġordan.

**9.3.12** Il-Kunsill irċieva stima għat-tranġar ta' Triq Gesu' Nazzarenu. Din hija ta' madwar €20,000. Dan ser jiġi diskuss f'aktar dettal aktar il'quddiem meta jitlestew it-toroq li fil-preżent qegħdin isiru.

**9.3.13** Wasal ftehim ġdid mingħand il-Wasteserv dwar il-ħlas (rimborż) tal-ġbir tal-boroz organiku. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lill-Wasteserv li il-Kunsil Lokali tal-Għasri għandu kuntratt flimkien mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u għalhekk il-ġbir ta' dan il-materjal jittiehed flimkien il-faċilita' tal-Wasteserv.

**9.3.14** Il-Kunsill ġie mistoqsi mid-DPO (Data Protection Officer) kemm huwa l-perjodu ta' żamma ta' data personali fil-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l-ebda dokument m'għandu jintrema.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**9.4.01** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff issuġġerit li tiġi organizzata ħarġa għal Birgu nhar it-Tlieta, 14 ta' April. F'dan il-jum it-tfal ikunu bil-vaganzi tal-Għid. Il-ħarġa tkun tikkonsisti minn żjara fuq il-Monti tal-Birgu, quddiesa, ikla ta' nofsinhar u żjara lil Forti Sant' Anglu.

**9.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab għall-mera fi Triq Wied il-Għasri kantuniera ma taċ-Ċaqra. Talab ukoll sinjali sofor fi Triq Ta' Għammar kantuniera ma' Triq tal-Fanal. Il-Kunsillier Saliba kkonferma li t-talba għall-speed hump fi Triq tal-Fenek. Dawn it-talbiet għandhom jintbagħtu lit-Transport Malta għall-approvazzjoni.

**9.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li hu talab laqgħa mal-Ministru l-Onor. Ian Borg dwar it-talba tal-Kunsill għall-art pubblika sabiex il-Kunsill ikun jista jagħmel area ta' rikreazzjoni.

**9.4.04** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qassam ittra lis-Sindku, Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa dwar proposta ta' attivita' li jixtieq li l-Kunsill jorganizza. Għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsillier Felice Pace jixtieq li tiġi organizzata laqgħa għar-residenti barranin kif ukoll dawk lokali fil-Bażilika tal-Patroncinju nhar l-Erbgħa qabel il-festa ta' din il-bażilika. Waqt din is-serata hu qed jipproponi li jiġu ċċelebrata t-talenti ta' dawk ir-residenti, (barranin u lokali) li kellhom xi xogħol miktub minnhom ippublikat. Waqt l-istess serata l-Kunsillier Felice Pace jixtieq

li jippublika ktieb ta' poeżiji miktub minn martu Sandra. Mill-bejgħ ta' dan il-ktieb tingħata donazzjoni għall-manteniment tal-Bażilka tal-Patroċinju. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

**9.4.05** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff ġibdet l-attenzjoni li mhux ikun hemm dawl fil-latrina pubblika filgħaxija. Il-Kuntrattur tal-latrina għandu jiġi nformat b'dan.

## 9.5 Xogħol fil-latrina pubblika – ftuħ ta' kwotazzjonijiet.

**9.5.01** Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonjiet għall-manutenzjoni tal-latrina pubblika tal-Għasri. Dan wara li l-Kunsill iddeċieda li juża l-fondi mill-Aġenzija LESA. Dawn it-tlett kwotazzjonijiet kienu kollha taħt €2,000 u ma jinkludux il-materjal kollu. Il-Kunsilliera għażlu l-irħas kwotazzjoni bil prezz ta' €1050. Il-Kunsilliera qablu li x-xogħol għandu jitlesta sa nofs Mejju sabiex il-latrina tkun lesta għall-festa. F'każ li l-kuntrattur bl-irħas offerta ma jaċċettax jew ma jkunx jista, l-Kunsill għandu jmur għat-tieni l-irħas offerta bil-prezz ta' €1662 inklux il VAT.

## 9.6 Rapporti – Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart – Jan –Diċ 2019

**9.6.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 9.7 Draft Baġit u Laqgħa Pubblika

**9.7.01** Ġie diskuss il-baġit għas-sena 2020. Il-Kunsilliera qablu li peress li kienet saret laqgħa pubblika ftit xhur ilu u f'din il-laqgħa ġie diskuss il-bżonnijiet tar-raħal u x'jixtiequ r-residenti ma kienx hemm bżonn li ssir laqgħa pubblika. Għandha ssir laqgħa pubblika qabel ma jiġi approvat ir-rapport finanzjarji. Il-Kunsilliera approvaw il-baġit unanimament.

## 9.8 Resurfacing ta' Triq Wied Sara – xogħlijiet ta' Drenaġġ u ilma

**9.8.01** Il-Kunsill qed jistenna mingħand id-Dipartiment tad-drenaġġ dwar xogħlijiet li jridu jsiru fi Triq Wied l-Għasri biex ikun jista' joħroġ l-offerta bix-xogħlijiet kollha. Sadanittant il-Kunsill irċieva stima aġġornata tax-xogħlijiet li jridu jsiru fis-sistemma tal-ilma. L-Ispiża totali ta' xogħlijiet inkonnessjoni mas-servizz tal-ilma għal Kunsill hija ta' madwar €22,131.

## 9.9 Applikazzjoni ta' razzett tan-ngħaġ fl-Għasri.

**9.9.01** Il-Kunsill ġie nformat dwar applikazzjoni ta' razzett tan-Ngħag fi Triq il-Ġdida (l-entratura prinċipali tal-Għasri). Il-Kunsilliera ddiskutaw din l-applikazzjon u qablu unanimament li jsir oġġezzjoni mill-Kunsill. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jaħtar periti/avukati li hemm bżonn.

## 9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

**9.10.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-09 biex ikunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsill ma approvax il-pagament tas-sħubija fil-GAGF ta' €500. Dan peress li fl-aħħar snin ma kienx hemm l-ebda programm li l-Kunsill tal-Għasri setgħa jieħu sehem fih. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 9.11 Mozzjonijiet.

**9.11.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 9.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**9.12.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu fis-7:00 p.m.

Konfermati, it-Tnejn 17 ta' Frar 2020

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv